FIT-TRIBUNAL GHAL-TALBIET ZGHAR
(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Hamis 12 ta' Novembru 2015

Avviz Numru 29/2015

Alexander Axiak, Raphael Axiak, Angelo Axiak, William Axiak ezercitanti n-negozju ARAW Constructions

Vs

Matthew Larry Portelli

**It-Tribunal-:**

Ra l-avviz prezentat mill-atturi fit-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn talbu li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lilhom bilanc ta' prezz ghal-xoghol ta' kostruzzjoni fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u disgha u hamsin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€3,459.74).

Il-konvenut laqa' ghal din it-talba billi ecepixxa: 1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt; 2) Illi l-ammont pretiz m'huwiex dovut ghal-diversi ragunijiet fosthom illi wara li sar ix-xoghol mill-atturi, x-xoghol tkejjel mill-Perit Godwin Sultana u l-konvenut hallas dak kollu dovut lil atturi skond il-kejl ta' dan il-perit; 3) Illi fir-rigward tal-pretensjoni tal-extra works din hija infondata stante' li x-xoghol kollu tkejjel mill-Perit u l-ammont imhallas mill-konvenut jinkludi x-xogholijiet kollha li saru.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' x-xhieda kollha mressqa u ra t-traskrizzjonijiet tal-istess xhieda.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-digriet tieghu tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra:-

Illi fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-atturi ressqu l-unika prova taghhom konsistenti fix-xhieda ta' Alexander Axiak li esebixxa u spjega numru ta' dokumenti inkluzi ritratti. F'dik is-seduta l-konvenut u l-legali tieghu ma dehrux quddiem it-Tribunal bhal ma ma kienx deher l-istess konvenut fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tal-elfejn u hmistax (2015).

Fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) dan it-Tribunal iddiferixxa din il-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu. Izda l-konvenut ma qajjem l-ebda ostakolu u ma ghamel l-ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Illi f'dawn il-proceduri sommarji dan it-Tribunal ma jistax joqghod jistenna ghall-inazzjoni tal-partijiet jew ta' xi hadd minnhom a skapitu ta' min qed ifittex gustizzja. Ghalhekk kellu jibqa ghaddej ghal din is-sentenza.

Illi minn dak li xehed Alexander Axiak u mill-kontijiet illi esebixxa bil-mod kif spjegahom kif ukoll permezz ta' prova fornuta mir-ritratti fejn hemm indikat ix-xogholijiet extra illi saru, dan it-Tribunal ihoss illi it-talba attrici hija wahda misthoqqha. L-attur Alexander Axiak spjega ix-xogholijiet b'mod konvincenti. Hekk jew hekk din it-talba u l-prova illi giet migjuba in sosten taghha ma giet bl-ebda mod ribattuta minn naha tal-konvenut.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici, jikkundanna l-konvenut jhallas s-somma ta' tlett elef, erba' mija u disgha u hamsin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€3,459.74) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. L-ispejjez jitbghatew mill-konvenut.

**Kevin Mompalao**
**Gudikatur**

**D/Registratur**